# RAPPORT ANNWALI 2013

AWTORITÀ TAD-DJAR ◆ HOUSING AUTHORITY

**Awtorità tad-Djar**
**Rapport tas-sena 2013**

**Malta:**
22, Triq Pietro Floriani, il-Furjana FRN 1060
Tel: 2299 1000 | Fax: 2124 3284

**Għawdex:**
25, Triq Enrico Mizzi, ir-Rabat VCT 2043
21Tel: 2215 6800 | Fax: 2215 6800

Freephone: 8007 2232

© Awtorità tad-Djar

Pubblikazzjoni: Awtorità tad-Djar

Dan ir-rapport ma jistax isir fih ebda tibdil fil-forma
jew fil-produzzjoni teknika tiegħu mingħajr
il-permess bil-miktub tal-Awtorità tad-Djar.

IL-MISSJONI TAGĦNA

## Djar xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna.

# Werrej


**Il-Bord tad-Diretturi** ..... **6**
**Rapport taċ-Chairperson** ..... **7**
**Introduzzjoni mill-Kap Eżekuttiv** ..... **9**

**1. Customer Care** ..... **11**

**2. Akkomodazzjoni Soċjali** ..... **12**
2.1 Allokazzjonijiet ..... 13
2.2 Investigazzjonijiet / Spezzjonjiet ..... 13
2.3 Postijiet Battala tal-Gvern ..... 15
2.4 Reviżjoni tal-Kirjiet ..... 15

**3. Skemi fi ħdan l-Awtorità tad-Djar** ..... **15**
3.1 Sir Sid Darek ..... 15
3.2 Tiswijiet u Rranġar ta' Proprjetà ..... 18
3.3 Nirranġa d-Dar Tiegħi ..... 20
3.4 Skema ta' Diżabilità ..... 20
3.5 Skemi Immirati għal *First Time Buyers* ..... 21
3.5.1 Sussidju fuq ir-Rati tal-Imgħax ..... 21
3.5.2 Sussidju biex jgħin lis-sidien fil-bini u rranġar tal-ewwel residenza ..... 22
3.6 Installazzjoni ta' Lifts fi Blokki tal-Gvern ..... 23
3.7 Skema tas-Sussidju tal-Kera ..... 23
3.8 Skema KIRI ..... 25

**4. Eżami tal-Mezzi** ..... **26**

**5. Bejgħ ta' Proprjetà tal-Awtorità tad-Djar** ..... **26**

**6. Bejgħ ta' Garaxxijiet bl-offerta.** ..... **27**

**7. Kuntratti Varji** ..... **27**

**8. Tiswijiet fi Proprjetà tal-Gvern** ..... **27**

| | | |
|---|---|---|
| **9.** | **Amminstrar tal-Proprjetà tal-Gvern** | **29** |
| **10.** | **Programm ta' Installar ta' Lifts** | **30** |
| **11.** | **Proġetti mal-Kunsilli Lokali** | **30** |
| 11.1 | Riġenerazzjoni f'Oqsma Madwar il-Binjiet tal-Gvern | 30 |
| 11.2 | Il-Binja Tiegħi, id-Dar Tiegħi | 30 |
| **12.** | **Proġetti oħra** | **31** |
| **13.** | **Għajnuna lill-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi** | **31** |
| **14.** | **Awditjar Intern** | **31** |
| **15.** | **Sezzjoni Legali** | **32** |
| **16.** | **Riżorsi Umani** | **32** |
| 16.1 | Ftehim Kollettiv | 32 |
| 16.2 | Reklutaġġ | 33 |
| 16.3 | Taħriġ | 33 |
| 16.4 | Inizjattivi | 33 |
| **17.** | **Riċerka u Relazzjonijiet Ewropej** | **34** |
| 17.1.1 | ERDF104 Stronger Cottonera Communities | 34 |
| 17.1.2 | ERDF102 Energy-Smart Authority | 34 |
| 17.2 | Aċċessibilità, Mobbilta' u Effiċjenza fl-Enerġija | 35 |
| 17.3 | L-Att Dwar il-Libertà tal-Informazzjoni | 35 |
| 17.4 | Relazzjonijiet Pubbliċi | 35 |
| 17.5 | Promozzjoni tax-Xogħol tal-Awtorità tad-Djar | 35 |

# Il-Bord tad-Diretturi tal-Awtorità tad-Djar

## Chairperson

**Is-Sinjura Antoinette Vassallo**
S.R.N u eks-Sindku

## Viċi Chairperson

**Is-Sur Robert Ducker**
B.Sc. (Hons) Financial Services (UMIST), ACIB

## Membri tal-Bord

**Prof. Lino Bianco**
B.A. (Phil), B.E&A. (Hons) (Malta), M.Sc. (Geol.) (Leics.), M.Sc.(Arch.) (Lond.), Ph.D. (Sofia), F.R.S.A., F.G.S. (Lond.) Eur. Ing. (FEANI), A&C.E

**Perit Alex Buontempo**
B.E&A. (Hons), PhD, A&CE

**Is-Sur Kenneth Busuttil**
B.Ed (Hons), PGDEL (Melit.)

**Is-Sur Ivan Grixti**
MA (Lanc); B.A. (Hons) Accountancy; MCIArb; FAIA (Acad); FIA; CPA

**Is-Sinjorina Helen Mallia**
Dip. Ind. Rel., M.Q.R

**Dr Vincent Moran**
M.D.

**Is-Sinjura Margaret Quintano**
Dip HRM (Leicester)

## Segretarju tal-Bord

**Dr Ray Zammit**
LL.D., Adv. Trib. Eccl.Melit.

# Rapport taċ-Chairperson



Għal darba oħra għandi l-pjaċir li nressaq ir-rapport annwali tal-Awtorità tad-Djar għas- sena li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2013, kif ukoll l-Estimi Finanzjarji tal-istess perjodu.

Dan ir-rapport se jirrifletti l-mod ta' kif l-Awtorità mxiet matul din is-sena, kemm minn aspett ta' operat amministrattiv kif ukoll minn aspett finanzjarju, li f'ħolqa waħda jagħtu stampa ċara ta' kif l-Awtorità tkun trid tirrifletti l-istrateġija li l-Awtorità għandha ssegwi fuq il-politika tal-Gvern tal-ġurnata kif ikun propost.

Ma kinitx sena faċli, anzi b'wiċċi minn quddiem irrid nistqarr li peress li sibna ruħna f'sitwazzjoni finanzjarja mhux daqshekk tajba, kif ukoll b'ħafna problemi anke min-naħa tal-operat amministrattiv, kellna nidħlu għal sfidi diffiċli biex bl-akbar responsabbiltà kif ukoll b'determinazzjoni, ridna naraw kif se nikkommettu ruħna li nipprovdu soluzzjonijiet filwaqt li nibqgħu noffru servizzi liċ-ċittadini b'risq il-ġid ta' kulħadd.

Il-ħidma li ġiet imwettqa matul din is-sena kienet imfassla fuq diversi inizjattivi, kemm tkomplija ta' dawk l-inizjattivi li kienu nbdew fis-snin preċedenti kif ukoll inizjattivi ġodda li ġew introdotti matul is-sena 2013. Fuq kollox nemmen bi sħiħ li l-għan ewlieni tal-Awtorità m'huwa xejn inqas milli nipprovdu kull tip ta' għajnuna possibbli permezz ta' servizzi u skemi li jaqdu l-bżonnijiet ta' kulħadd.

L-ewwel ħaġa li kellna naħdmu fuqha kienet propju kif ser intejbu l-operat tal-Awtorità nnifisha. Inbeda pjan ta' strateġija ta' kif l-Awtorità għandha timxi, kemm f'dak li hu *short term* kif ukoll f'dak *long term*. Saret riorganizzazzjoni tal-*Customer Care Unit* sabiex il-pubbliku setà jkun moqdi aħjar u jingħatalu servizzi aktar effettivi u immedjati.

Sibna ruħna b'sitwazzjoni ta' lista kbira ta' 'l fuq minn 3000 talba għal akkomodazzjoni alternattiva, waqt li f'idejna sibna biss madwar 47 post li stajna nallokaw.

Sibna wkoll madwar 800 każ li minħabba raġuni jew oħra kienu qed jgħixu f'xi tip ta' perikolu. Mill-ewwel rajna l-ħtieġa li dawn kellhom jiġu indirizzati biex nevitaw xi inċident. Sar ħafna xogħol fuq dawn il-każijiet fejn ħafna minnhom ġew konklużi filwaqt li oħrajn għadhom qegħdin jiġu indirizzati. Filfatt, f'din is-sena l-Awtorità nediet skema ġdida propju sabiex tingħata għajnuna lil dawk l-inkwilini li jkunu qegħdin jikru mill-privat u għal xi raġuni jew oħra jsibu ruħhom jgħixu ġo propjetà bi struttura perikoluża.

Komplejna għaddejjin b'diversi skemi li jservu ta' għajnuna għal talbiet varji li jkunu jirriflettu s-sitwazzjonijiet reali ta' kull ċittadin li jagħmel it-talba tiegħu.

Inbeda x-xogħol fuq diversi skemi li se jerġgħu jinfetħu għall-pubbliku fil-bidu tas-sena 2014, kif ukoll inbdew ċerti proċessi bħal dik tar-reviżjoni tal-kirjiet li sfortunatament qatt ma ġiet implimentata kif suppost mill-amministrazzjoni preċedenti.

Fl-aħħar nett nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lill-membri tal-Bord tad-Diretturi li dejjem sibthom ta' għajnuna kull meta ddiskutejna u ħdimna flimkien biex rajna kif nistgħu ntejbu jew noħolqu *policies* ġodda li jkunu ta' benefiċċju għall-Awtorità. Ir-ringrazzjament tiegħi jmur ukoll lill-ħaddiema kollha tas-sehem tagħhom u nħeġġeġ biex ilkoll flimkien inkomplu naħdmu ħalli nwettqu ħidma bl-aktar mod effettiv u bi trasparenza. Fuq kollox nemmen bi sħiħ li dan ir-rapport annwali għandu jirrifletti l-impenn kollettiv li l-Awtorità għandha timxi bih, sabiex tingħata kull għajnuna bżonjuża, bl-aħjar mod, lil kull min għandu bżonn, b'mod speċjali lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli.



Is-Sinjura Antoinette Vassallo S.R.N

# Introduzzjoni mill-Kap Eżekuttiv



Dan huwa l-ewwel rapport annwali tiegħi minn kemm ilni Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tad-Djar. Wara l-ewwel ftit jiem tal-ħidma tiegħi, eżattament f'Awwissu 2013, stajt ninnota li fl-Awtorità tad-Djar kien hemm xi nuqqasijiet li kellhom bżonn ta' ħidma sfiqa u immedjata sabiex jiġu indirizzati. Dawn kienu qed ixekklu lill-Awtorità milli tkun effettiva fl-operat tagħha u kienu qed inaqqsu l-benefiċċju mistenni mis-soċjetà.

Mill-ewwel ħassejna li kien hemm bżonn li jsir eżerċizzju strateġiku fil-fond. Ir-riżultat ta' dan l-eżerċizzju qed iservi fost oħrajn sabiex tinħoloq strateġija ġdida u jiġi mfassal *business plan* fit-tul mifrux fuq ħames snin, kif ukoll pjanijiet oħra fuq perijodu ta' żmien aqsar u oħrajn li jitolbu azzjoni immedjata. Din l-istrateġija sejra tindirizza wkoll il-problema finanzjarja li tinsab fiha l-Awtorità li fis-sena 2013, għall-ewwel darba fl-istorja tagħha, spiċċat b'deficit ta' kważi erba' miljun ewro.

Sabiex iseħħu dawn il-pjanijiet inħasset il-ħtieġa wkoll li l-istruttura preżenti tal-Awtorità għandha tiġi msaħħa u b'hekk tkun tirrifletti aħjar is-servizzi u l-inizjattivi offruti minn din l-organizzazzjoni, struttura li wkoll isservi bħala qafas sod sabiex tilħaq l-għanijiet tal-istess organizzazzjoni. Barra minn hekk, f'temp ta' ftit xhur ġie ffirmat Ftehim Kollettiv ġdid li l-ħaddiema kienu ilhom tliet snin jistennew. Bis-saħħa ta' dan il-ftehim ġdid il-ħaddiema qed igawdu minn kundizzjonijiet ta' xogħol aħjar kif ukoll żidiet fil-pagi.

Fost l-għanijiet prinċipali li għandha l-Awtorità tad-Djar hemm dak li tiffoka fuq dawk l-individwi vulnerabbli u li l-aktar għandhom bżonn. Dan ser tagħmlu billi tindirizza l-problemi kemm jista' jkun b'mod ħolistiku li jassigura li l-individwu jkun ekonomikament indipendenti u b'hekk jintegra ruħu fil-komunità. Huwa wkoll l-għan tal-Awtorità li tkun aktar konsistenti u trasparenti fil-proċessi tagħha u d-deċiżjonijiet meħudha minnha. Barra minn hekk, din l-Awtorità ser tkun qed taħdem bis-serjetà sabiex tassigura li tkun finanzjarjament sostenibbli.

Iżda, waqt li l-Awtorità qiegħda taħdem fuq strateġija għall-futur, kellna wkoll nieħdu miżuri li jħallu frott immedjat, miżuri li jagħmlu parti mill-politika strateġika ta' din l-organizzazzjoni. Fost dawn il-miżuri immedjati li ħadna hemm dik li bdejna nindirizzaw il-lista ta' talbiet pendenti ġejjin minn inkwilini li joqogħdu f'residenza mikrija mingħand il-Gvern jew l-Awtorità tad-Djar sabiex jissewwa l-fond li jgħixu fih minn xi struttura perikoluża. Peress li r-riskju fuq il-ħajja tal-individwi li jokkupaw il-fond huwa kbir, kien hemm bżonn ta' azzjoni immedjata u għalhekk, sabiex nindirizzaw din il-problema, kellna nieħdu azzjoni immedjata, u qed inħaddmu pjan fejn diversi kuntratturi ġew imqabbda jaħdmu fuq dawn ix-xogħlijiet. Fil-fatt, minn Lulju sa Diċembru 2013, saru 183 biċċa

xogħol, kważi ħames darbiet aktar mit-38 każ li saru fl-ewwel sitt xhur tal-istess sena. Dan jirrifletti wkoll l-ispiża involuta, li fl-ewwel sitt xhur tas-sena kienet tammonta għal €92,074, waqt li fl-aħħar sitt xhur din kibret għal €587,354.

L-Awtorità għandha wkoll lista twila ta' 'l fuq minn 3000 applikazzjoni - u li dejjem tiżdied - fejn l-applikanti qed jitolbu akkomodazzjoni alternattiva. Madanakollu, il-persentaġġ minn dawn it-talbiet li l-Awtorità tad-Djar tista' tilqa' huwa żgħir ħafna peress li l-istokk ta' housing units fil-preżent huwa limitat wisq. Għal dan il-għan, l-ewwel miżura meħuda kienet li l-Awtorità tad-Djar ħarġet Sejħa għall-Proposti fejn il-privat ippropona l-ideat tiegħu kif jista' jikkollabora mal-Awtorità ħalli din tkabbar l-ammont ta' housing units biex jintużaw għal skopijet kemm dawk soċjali kif ukoll dawk ta' housing affordabbli. Din il-proposta mistennija żżid l-ammont b'madwar 800 unit. B'hekk inkunu mhux biss qed nippjanaw imma f'inqas minn sena nkunu rnexxielna konkretament naħdmu mal-privat biex innaqqsu l-waiting list ta' talbiet għall-akkomodazzjoni soċjali.

Għaddejjin ukoll f'diskussjonijiet sabiex ninvestu f'sistemi moderni ta' informazzjoni teknoloġika li tkun tirrifletti l-iżviluppi kurrenti f'dan il-qasam. B'hekk l-Awtorità tkun aktar effiċjenti fil-ħidma tagħha billi toffri servizz aħjar u iktar effettiv lill-klijenti tagħha.

Ninsabu biss fil-bidu ta' dan il-vjaġġ twil, vjaġġ li m'għandix dubju li ser ikollu d-diffikultajiet tiegħu wkoll, iżda, bil-ħidma u l-impenn tal-impjegati tant dedikati f'xogħolhom, ninsab żgur li negħlbu l-isfidi matul it-triq fis-snin li ġejjin. Qegħdin naħdmu kontinwament sabiex dawk l-aktar vulnerabbli jkunu dejjem fiċ-ċentru tal-pjanijiet u tas-servizzi tagħna. Iżda dan ikun jista' jseħħ biss billi nkunu aktar effiċjenti u effettivi fis-servizzi li noffru.



Is-Sur Stephen McCarthy B.A.(Hons) Accty, C.P.A.

# 1. Customer Care

Matul is-sena 2013 l-Awtorità tad-Djar permezz tal-Customer Care laqgħet medja ta' 1,109 persuna fix-xahar. Fost l-iskemi li toffri l-Awtorità tad-Djar, għal darba oħra l-aktar żewġ servizzi popolari kienu dawk tas-sussidju tal-kera, fejn bħalissa l-Awtorità qiegħda tissussidja 1,145 persuna, kif ukoll applikazzjoni għall-akkomodazzjoni soċjali. L-uffiċċju tal-Customer Care din is-sena laqa' 'l fuq minn 2,600 applikazzjoni taħt diversi skemi u servizzi offruti mill-Awtorità tad-Djar.

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar iddeċidiet li tiftaħ il-bieb tagħha għall-pubbliku kuljum bejn it-8.00 am u l-11.30 am. Dan jgħin lill-pubbliku jinqeda aħjar u l-istess pubbliku jista' jitqassam aħjar matul il-ġimgħa kollha. Il-pubbliku tal-inħawi tal-Imsida u l-Qawra qed jingħata wkoll servizz darba fil-ġimgħa fl-aċċessi tal-Imsida u l-Qawra bejn it-8.00 am u 12.00 am. 'Il fuq minn sitt mitt ruħ żaru ċ-ċentri tal-aċċess tal-Imsida u l-Qawra tul din l-aħħar sena.

Il-*graph* t'hawn taħt turi r-raġuni għaliex il-pubbliku ċempel għand l-Awtorità tad-Djar matul din is-sena:




| | |
|---|---|
| RSS | Skema Sussidju fuq il-Kera |
| ADP | Skema ta' Rranġar u Titjib |
| GFR | Skema ta' għajnuna fil-bini u/jew tkomplija ta' xogħlijiet jew irranġar tal-ewwel residenza; |
| SH | Applikazzjoni għall-Akkomodazzjoni Soċjali |
| Com Parts | Rapporti fuq ħsarat f'partijiet komuni tal-Gvern |
| Gen. Info | Informazzjoni ġenerali |
| SSD | Skema Sir Sid Darek |
| ISS | Skema Sussidju fuq l-interessi tas-self |
| DIS | Skema ta' Diżabilità |
| NDT | Skema Nirranġa d-Dar Tiegħi |
| SSP | Skema ta' sussidju fuq xogħlijiet ta' periklu fi proprjetà privata. |

Ingħatat wkoll attenzjoni lis-servizz tat-telefon li hu wieħed mill-aktar mezzi ta' komunikazzjoni li jintuża mill-pubbliku li jirrikorri għand l-Awtorità għall-informazzjoni. Dan is-servizz minn din is-sena qiegħed jingħata bejn it-8.00 am u t-3.00 pm mit-Tnejn sal-Ġimgħa.

Dawn l-inizjattivi ġodda fi ħdan il-Customer Care tal-Awtorità tad-Djar qegħdin jgħinu biex il-pubbliku jkun jista' jingħata l-għajnuna matul il-ġimgħa kollha.

Il-*website* tal-Awtorità tad-Djar, li hija mezz ieħor ta' informazzjoni, kontinwament tiġi aġġornata. Għaldaqstant il-pubbliku li għandu aċċess għall-*internet* jista' jikseb l-informazzjoni fuq kull skema u servizz li toffri l-Awtorità mill-kumdità ta' daru.

# 2. Akkomodazzjoni Soċjali

Din is-sena rajna numru sostanzjali ta' persuni japplikaw għall-akkomodazzjoni soċjali fejn l-Awtorità tad-Djar irċeviet 882 applikazzjoni. Fil-bidu ta' din is-sena l-Awtorità tad-Djar kellha 2,773 applikazzjoni pendenti li minnhom 708 kienu meqjusa bħala prijorità. Matul din is-sena ġew ikkanċellati 170 applikazzjoni minħabba raġunijiet varji waqt li daħlu 882 ġodda. Għalhekk din is-sena l-Awtorità tad-Djar ser tagħlaq bi 3,304 applikazzjoni għall-akkomodazzjoni soċjali li terz minnhom biss huma meqjusa ta' prijorità. Il-lista ta' prijorità hija maqsuma f'numru ta' kategoriji li jiddefinixxu l-bżonnijiet tal-applikanti. Bħalissa l-Awtorità tad-Djar għandha 1,105 applikazzjonijiet bi prijorità kif jidher hawn taħt:




Ta' min jgħid li minn dawn it-3,304, 394 applikazzjoni ġejjin minn inkwilini li diġà jgħixu f'proprjetà tal-Gvern u li għal xi raġuni, bħal dik medika, qed jitolbu lill-Awtorità tad-Djar jibdlu r-residenza tagħhom ma' residenza aktar aċċessibbli u adegwata għall-bżonnijiet tagħhom. Hemm ukoll 272 applikant li qegħdin jgħixu ġewwa post tal-privat bil-kera u li qed jibbenefikaw minn sussidju tal-kera. Il-*graph* li qiegħda tidher hawn taħt tindika l-applikazzjonijiet li l-Awtorità tad-Djar irċeviet dawn l-aħħar tliet snin fejn jidher biċ-ċar żieda ta' applikazzjonijiet għall-akkomodazzjoniji soċjali -



## 2.1 Allokazzjonijiet

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet bl-allokazzjonijiet tal-postijiet battala tal-Gvern kif ukoll appartamenti mikrija mill-privat taħt l-Iskema Kiri. Ta' min jgħid li l-appartamenti taħt Skema Kiri jiġu mikrija mill-Awtorità tad-Djar bi prezz kummerċjali li jlaħħaq saħansitra sa €4,800 fis-sena għal kull appartament. Din il-proprjetà tinkera għal perijodu ta' għaxar (10) snin. Min-naħa l-oħra l-Awtorità tad-Djar talloka dawn il-postijiet b'kera ssussidjata li tibda saħansitra minn 15% tal-kera li l-Awtorità tad-Djar qiegħda tħallas lis-sidien. Dan ifisser li l-inkwilini jibbenefikaw minn 85% sussidju fuq il-kirja tal-postijiet mikrija mill-privat.

Inkwilini ta' postijiet tal-Gvern jingħataw għotja sabiex jagħmlu xi xogħol neċessarju fil-post sabiex dan jiġi f'livell aċċettabbli. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kellha spiża ta' €322,430, medja ta' €4,673 kull inkwilin.

Matul dawn l-aħħar tnax-il xahar (12) l-Awtorità tad-Djar ġeddedt 242 kuntratt wara li skada l-perijodu ta' prova tal-inkwilini li kien ta' sena, kif ukoll għamlet 293 kuntratt tal-kera kif jidher hawn taħt:




## 2.2 Investigazzjonijiet / Spezzjonijiet

L-Awtorità tad-Djar kompliet l-eżerċizzju ta' investigazzjonijiet / spezzjonijiet fuq proprjetà tal-Gvern kif ukoll proprjetà tal-privat. Postijiet tal-Gvern jiġu perjodikament spezzjonati sabiex jiġi vverifikat li dawn il-fondi qegħdin verament jiġu okkupati mill-inkwilini tagħhom. Fejn jinstab li l-inkwilini ma jkunux qegħdin jokkupaw il-postijiet allura l-Awtorità tad-Djar tieħu l-passi meħtieġa sabiex il-fond jiġi rritornat lura lilha u dan jiġi allokat lil min verament għandu bżonnu. Ikun hemm każijiet fejn l-inkwilini ma jkunux qed jagħmlu użu mill-post għal xi raġuni valida allura l-Awtorità tad-Djar tara li dawn jingħataw l-għajnuna meħtieġa sabiex jerġgħu jibdew jgħixu fil-fond jew jiġu mogħtija fond aktar adegwat għalihom u għall-bżonnijiet tagħhom. Kien hemm numru sostanzjali ta' investigazzjonijiet u spezzjonijiet dawn l-aħħar tnax-il xahar kif jidher fit-tabella t'hawn taħt:

| | | |
|---|---|---|
| Skema Għajnuna fuq l-ewwel residenza (GFR) | L-Awtorità tad-Djar tispezzjona din il-proprjetà privata sabiex jiġi vverifikat li x-xogħlijiet li fuqhom intalbet l-għajnuna jkunu verament saru biex b'hekk l-applikanti jkunu jistgħu jingħataw l-għotja taħt din l-iskema. | 488 |
| Sir Sid Darek | L-Awtorità tad-Djar tispezzjona l-fondi tal-Gvern fejn l-inkwilini tagħhom ikunu applikaw sabiex jixtru l-fond mikri lilhom mill-Gvern. Din l-ispezzjoni ssir biex jiġi vverifikat li l-inkwilini verament qegħdin jgħixu fil-post kif ukoll jiġi vverifikat in-numru tal-kmamar tas-sodda sabiex jiġi ddeterminat il-prezz tal-fond. | 271 |
| Skema Sussidju tal-Kera | L-Awtorità tad-Djar tispezzjona r-residenza privata li fuqha jkun intalab sussidju fuq il-kera sabiex jiġi vverifikat (fejn ikun hemm xi dubju) li l-applikanti verament qegħdin jgħixu fil-fond. | 40 |
| Tiġdid ta' kuntratti tal-Kera | Mis-sena l-oħra l-Awtorità tad-Djar bdiet tiffirma l-kuntratti tal-kera b'sena ta' prova. Dan ifisser li l-inkwilin jiffirma kirja ta' sena u wara jiġi spezzjonat il-fond biex jiġi vverifikat li l-fond qiegħed jinżamm fi stat tajjeb ta' tiswija u nadif. Il-kuntratt tal-kirja ma jiġix imġedded jekk ma jiġix vverifikat li l-inkwilini qegħdin josservaw il-kundizzjonijiet u l-obbligi tal-kirja. | 398 |
| Investigazzjonijiet | Postijiet tal-Gvern u tal-Awtorità jiġu perjodikament spezzjonati sabiex jiġi kkonfermat li r-residenzi qed jiġu okkupati tassew mill-inkwilini rikonoxxuti u li ma jsir l-ebda użu mill-proprjetà li mhux awtorizzat. | 1,565 |
| Applikazzjoni għal post alternattiv | F'ċertu każijiet ta' applikazzjoni għal post alternattiv, il-fond li minnu japplika l-individwu jiġi spezzjonat u ssir pjanta tal-fond sabiex jiġi vverifikat l-istat li fih jabitaw l-applikanti. | 593 |
| Wiri ta' postijiet | Meta l-Awtorità tad-Djar talloka xi post, l-inkwilin prospettiv jittieħed minn uffiċjal tal-Awtorità tad-Djar sabiex jintwera l-fond allokat lilu. | 232 |
| Problemi fi blokki tal-Gvern | L-Awtorità tad-Djar hija responsabbli mill-appartamenti tal-Gvern u għaldaqstant kemm-il darba tilqa' talbiet minn inkwilini li jirrapurtaw problemi fid-drenaġġ. | 72 |
| Aċċessibilità fi Blokok | L-Awtorità tad-Djar spezzjonat 5 blokok tal-Gvern ġewwa B'Kara, l-Isla, Sta. Luċija, Ħaż-Żabbar u ż-Ż\|urrieq sabiex isir studju fuq l-aċċessibilità jew in-nuqqas tagħha f'dawn il-binjiet. Ġew ippreparati pjanti ta' kif dawn il-blokok jistgħu jsiru aktar aċċessibbli. | 5 |
| Garaxxijiet | Isiru spezzjonijiet fuq il-garaxxijiet vakanti tal-Awtorità tad-Djar. F'dan ir-rigward instab li s-serratura ta' 39 garaxx għandhom bżonn jinbidlu. | 376 |

### 2.3 Postijiet Battala tal-Gvern

Matul din is-sena l-Awtorità tad-Djar kellha fil-pussess tagħha aktar minn 70 post vakant tal-gvern. Dawn ġew riferuti sabiex jiġu spezzjonati, u jsiru stimi tax-xogħlijiet li hemm bżonn isiru biex dawn il-postijiet jiġu addattati għall-abitazzjoni. Ix-xogħol jinvolvi kejl u preparazzjoni ta' pjanti, deskrizzjoni tax-xogħlijiet kif ukoll stima. L-inkwilini li ġew allokati dawn il-postijiet għandhom jibbenefikaw minn għotjiet sa €14,600 skond il-kundizzjoni tal-post, sabiex isiru x-xogħlijiet meħtieġa. Fejn ikun bżonn ta' tiswijiet strutturali, dawn isiru mill-kuntratturi mqabbda mill-Awtorità. Ġew riferuti wkoll 18-il każ ieħor fejn inkwilini li ngħataw post fis-sentejn preċedenti għamlu talba għal xogħlijiet addizzjonali. Saret spezzjoni f'dawn il-postijiet u saru stimi tax-xogħlijiet approvati.

Fil-każ ta' postijiet vakanti li jirrikjedu xogħlijiet sostanzjali, jiġu ppreparati pjanti, l-applikazzjoni lill-MEPA fejn meħtieġ, kif ukoll tenders sabiex ix-xogħlijiet isiru taħt is-superviżjoni tal-periti u t-tekniċi tal-Awtorità. Matul is-sena din is-sezzjoni ħadmet fuq 15-il każ ta' refurbishment fosthom 2 postijiet fejn ingħata tender u bdew ix-xogħlijiet, waqt li 8 postijiet oħra għandhom pjanti u stimi lesti biex jinħarġu tenders.

Ta' min isemmi wkoll li din is-sezzjoni ntalbet ukoll tispezzjona mal-għaxar post vakant ieħor li, wara li saru surveys u stimi preliminari, instab li dawn il-proprjetajiet mhumiex addattati biex jintużaw bħala residenzi.

### 2.4 Reviżjoni tal-Kirjiet

Numru ta' kirjiet tal-Gvern jiġu riveduti kull sentejn. Għalhekk din is-sena, bħas-snin ta' qabel l-Awtorità tad-Djar għamlet l-eżerċizzju tar-revizjoni tal-kirjiet. Dan l-eżerċizzju kien jinkorpora 1,425 kirja li ġew riveduti skont id-dħul tal-inkwilini. Kien hemm 17-il inkwilin li għal xi raġuni ma ssottomettewx id-dokumenti relatati mad-dħul tagħhom wara diversi avviżi; allura dawn ġew mitluba jħallsu l-kera kollha jiġifieri dik mingħajr sussidju. Kien hemm 838 inkwilin li kellhom xi tibdil fil-kera li l-maġġoranza kienet żieda fil-kera li jfisser li kellhom żieda fid-dħul annwali tagħhom ukoll. Kien hemm ukoll 88 reviżjoni tal-kera fuq proprjetà tal-Awtorità tad-Djar. It-tabella t'hawn taħt turi l-kirjiet li ntalbu jħallsu dawn l-inkwini wara r-revizjoni.

# 3. Skemi fi ħdan l-Awtorità tad-Djar

L-Awtorità tad-Djar kompliet bil-ħidma tagħha matul din is-sena fejn ġew ipproċessati applikazzjonijiet għal diversi skemi bħal irranġar ta' djar, sussidji fuq kirjiet mill-privat, għajnuniet lill-koppji li qegħdin jakkwistaw l-ewwel djar tagħhom u oħrajn.

### 3.1 Sir Sid Darek

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar varat skema li permezz tagħha inkwilini ta' appartamenti tal-Gvern ingħataw l-opportunità jsiru sidien ta' darhom. L-iskema ġiet imħabbra nhar il-11 ta' Frar 2013. Il-Bord tal-Awtorità tad-Djar b'deċiżjoni datata 5 ta' Lulju 2013 waqqaf din l-iskema u fil-perijodu ta' bejn Frar u Lulju, l-Awtorità tad-Djar irċeviet 210 applikazzjoni.




| | |
|---|---|
| Żona 1 | Valletta, il-Furjana, il-Marsa, il-Ħamrun |
| Żona 2 | Bormla, il-Birgu, l-Isla, il-Kalkara, Ħaż-Żabbar, ix-Xgħajra |
| Żona 3 | iż-Żejtun, il-Fgura, Marsaskala |
| Żona 4 | il-Gudja, Ħal Għaxaq, Raħal Ġdid, Sta Lucija, Ħal Tarxien |
| Żona 5 | Birżebbuġa, Ħal Kirkop, Marsaxlokk, l-Imqabba, il-Qrendi, Ħal Safi, iż-Żurrieq |
| Żona 6 | Ħal Qormi, is-Siġġiewi, Ħal Luqa |
| Żona 7 | L-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, Ħad-Dingli, l-Imġarr, l-Imtarfa, ir-Rabat |
| Żona 8 | B'Kara, l-Iklin, Ħal Lija, in-Naxxar |
| Żona 9 | Ħal Għargħur, l-Imsida, Ta' Xbiex, is-Swieqi, San Ġwann |
| Żona 10 | Il-Gżira, Pembroke, San Ġiljan, tas-Sliema |
| Żona 11 | Ħ'Attard, il-Mosta, Ħal Balzan |
| Żona 12 | Il-Mellieħa, San Pawl il-Baħar |
| Żona 13 | Għawdex |

Wara li dawn l-applikazzjonijiet ġew ipproċessati, irriżulta li ġej:



Il-medja tal-prezz kummerċjali tal-121 appartament li ġew irriferuti għall-kuntratt kien ta' €57,667 waqt li l-prezz issussidjat kien ta' €27,085. Dan ifisser li l-medja ta' persentaġġ ta' sussidju fuq dawn il-121 appartament kien ta' 50% - jiġifieri dawn l-inkwilini xtraw il-post b'nofs prezz. S'issa saru 34 kuntratt fejn inkwilini saru sidien ta' darhom.

L-ipproċessar tat-58 applikazzjoni li fadal pendenti taħt din l-iskema jiddependi minn *clearances* li jridu jinħarġu mid-Dipartiment tal-Artijiet kif ukoll minn stimi pendenti mill-Awtorità tad-Djar.

Tlestew 46 pjanta dettaljata ta' proprjetà taħt din l-iskema, pjanti li jiġu annessi mal-kuntratti finali.

Barra minn hekk l-Awtorità tad-Djar kompliet bl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet taħt l-iskema tas-sena l-oħra li permezz tagħha inkwilini setgħu jsiru sidien ta' djarhom. Minn dawn l-applikazzjonijiet kien hemm numru ta' inkwilini li l-art li fuqha hemm mibni il-fond kien għand il-Gvern b'titolu ta' *possession and use* u li fil-fatt dawn l-inkwilini setgħu issa jakkwistaw id-djar tagħhom ladarba il-Gvern xtara l-art mingħand is-sidien b'investiment ta' miljuni ta' ewro. Dawn l-inkwilini, wara stennija sabiex isiru sidien ta' darhom, qegħdin issa jingħataw l-opportunità jsiru sidien ta' darhom. Taħt din l-inizjattiva magħrufa bħala Ninvesti fid-Dar Tiegħi, l-Awtorità tad-Djar irċeviet applikazzjoni waħda din is-sena; waqt li taħt l-iskema Sir Sid Darek tas-sena l-oħra li għalqet fi Frar 2013, l-Awtorità tad-Djar din is-sena irċeviet 2 applikazzjonijiet. Pero' is-Sezzjoni tal-Iskemi din is-sena komplew jipproċessaw 67 applikazzjoni taħt dawn iż-żewġ skemi, li ġew irriferuti għall-konvenju u għad hemm 11 pendenti. L-applikazzjonijiet l-oħra kienu ġew ipproċessati s-sena ta' qabel.

Il-*graph* t'hawn taħt turi kemm ġew milqugħa applikazzjonijiet taħt dawn l-iskemi.



Permezz ta' din l-iskema, din is-sena l-Awtorità tad-Djar kellha introjtu ta' € 1,086,773.

### 3.2 Tiswijiet u Rranġar ta' Proprjetà

Fid-29 ta' Ottubru 2013, l-Awtorità varat skema ġdida fejn permezz tagħha jiġu ssussidjati xogħlijiet relatati ma' strutturi perikolużi fi proprjetà privata mikrija lill-inkwilini. Sabiex inkwilin jibbenefika minn din l-iskema dan irid ikun il-kerrej tal-fond minn qabel l-1 ta' Ġunju 1995.




Photo - DOI - Martin Attard

Taħt din l-iskema tingħata għotja sa massimu ta' €7,000 sabiex isiru xogħlijiet biex jiġi eliminat kull periklu minn dawn il-fondi. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar irċeviet 6 applikazzjonijiet taħt din l-iskema mil-lokalitajiet tal-Belt Valletta, il-Marsa, Paceville, Ħal Qormi, Raħal il-Ġdid, tas-Sliema. Dawn qegħdin jiġu vverifikati u pproċessati.

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet tirċievi applikazzjonijiet taħt l-Iskema tal-Irranġar u Titjib ta' postijiet tal-Gvern kif ukoll tal-privat. Kemm sidien ta' djarhom kif ukoll inkwilini ta' proprjetà privata jistgħu japplikaw sabiex jingħataw għotja li tlaħħaq bejn €7,000 u €10,000.

Din l-iskema ġiet varata fit-13 ta' Marzu 2012 u sal-lum ġew sottomessi 538 applikazzjoni li 240 minnhom twasslu din is-sena. L-ipproċessar ta' din l-iskema huwa kif jidher hawn taħt:




Minn riċerka li saret għal dan ir-rapport jidher li l-aktar xogħol mitlub taħt din l-iskema kien il-bdil ta' kmamar tal-banju. Jidher li kien hemm 259 applikant li talbu assistenza finanzjarja għall-bdil ta' kamra tal-banju. Kien hemm 37 applikant li talbu assistenza għal xogħlijiet relatati ma' periklu, 135 talba għal xogħlijiet relatati ma' ilma u 108 talba għal xogħlijiet relatati ma' dawl.

Din is-sena saru 278 spezzjoni ta' verifika u stimi ta' xogħlijiet waqt li 116-il każ ġew spezzjonati t-tieni darba biex ġie kkonfermat ix-xogħol komplut sabiex tingħata l-għotja lill-applikanti. Permezz ta' din l-iskema, l-Awtorità tad-Djar qiegħda tgħin lill-inkwilini ta' proprjetà tal-Gvern u tal-privat, kif ukoll persuni sidien ta' djarhom jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji sabiex jirrendu r-residenza tagħhom adegwata u ta' livell aċċettabbli. Din is-sena saru 130 ftehim ma' applikanti inkwilini li talbu għajnuna finanazjarja taħt din l-iskema kif ukoll iffirmar ta' 41 ipoteka fuq proprjetà ta' sidien li talbu wkoll għajnuna taħt din l-iskema.

Xogħlijiet oħra mitluba taħt din l-iskema qegħdin jidhru fil-*graph* t'hawn taħt:



L-ispiża tal-Awtorità tad-Djar għal din is-sena fuq din l-iskema kienet ta' €267,126.63.

### 3.3 Nirranġa d-Dar Tiegħi

L-Awtorità tad-Djar kompliet bl-ipproċessar tal-Iskema mmirata għal sidien anzjani 'l fuq minn 60 sena li ma kinux f'pożizzjoni li jaċċessaw waħidhom skemi oħra tal-Awtorità tad-Djar, sabiex isirilhom xogħol ta' irranġar fir-residenza tagħhom biex din issir aktar aċċessibbli u jiġi eliminat kull periklu. L-għan ta' din l-iskema kien sabiex l-anzjani setgħu jibqgħu jgħixu fil-kumdità ta' darhom u fl-istess komunità.

Din l-iskema kienet ġiet varata f'Mejju tas-sena 2012 u kienet miftuħa għal xahrejn u f'dan il-perjodu daħlu 165 applikazzjoni minn persuni vulnerabbli. Matul dawn l-aħħar tnax-il xahar, l-Awtorità tad-Djar spezzjonat ir-residenza ta' dawn il-165 applikant. Jirriżulta li minn dawn l-applikazzjonijiet kien hemm is-segwenti:




L-aktar xogħlijiet mitluba taħt din l-iskema kien il-bdil tal-kontrabejt u *waterproofing* tal-bjut kif ukoll il-bdil ta' kmamar tal-banju. Taħt din l-iskema l-anzjani setgħu jibbenefikaw minn għotja li kienet tlaħħaq sa €15,000 kull wieħed. Il-medja ta' għotja li ħadu jew ser jieħdu dawn l-anzjani kien ilaħħaq għal €4,500 u dan skont ix-xogħol mitlub minnhom.

Minn 88 każ li sa issa ġew approvati, 26 minnhom għażlu li x-xogħlijiet isiru direttament mill-Awtorità tad-Djar waqt li 62 għażlu li jagħmlu x-xogħol huma u jitolbu l-ispejjeż tagħhom mill-Awtorità tad-Djar wara t-tlestija tax-xogħlijiet. Ġew iffirmati 58 ipoteka fuq proprjetà ta' dawn is-sidien li talbu wkoll għajnuna taħt din l-iskema. L-istimi tax-xogħlijiet ta' kull applikazzjoni approvata tlestew kollha din is-sena. Huwa stmat li l-ispiża totali biex isiru x-xogħlijiet kollha approvati ser tlaħħaq għal madwar €630,000, waqt li l-ispiża tal-Awtorità tad-Djar għal din is-sena fuq din l-iskema kienet ta' €63,941.34.

### 3.4 Skema ta' Diżabilità

Skema oħra fi ħdan l-Awtorità tad-Djar hija li tipprovdi għajnuna kemm finanzjarja kif ukoll teknika lil persuni b'diżabilità sabiex isiru xogħlijiet ta' titjib relatati mad-diżabilità tagħhom fir-residenzi okkupati minnhom.

Taħt din l-iskema tista' tingħata għotja sa massimu ta' €18,500 lill-persuni li għandhom nuqqas fiżiku u/jew intelletwali u li jillimitalhom b'mod sostanzjali xi attività vitali maġġuri waħda jew aktar.

Din l-iskema ġiet ippubblikata fit-13 ta' Marzu 2012 u s'issa l-Awtorità tad-Djar irċeviet 205 applikazzjoni li minnhom 105 ġew sottomessi din is-sena. S'issa ġew approvati 118 li 93 minnhom saru din is-sena waqt li l-Awtorità kellha 13-il applikazzjoni li għal xi raġuni jew oħra tqiesu invalidi. Kien hemm 22 applikazzjoni li ġew ikkanċellati u rtirati mill-applikanti stess. Bħalissa għaddej ix-xogħol fuq 52 applikazzjoni.

Din is-sena saru 34 ftehim ma' applikanti b'diżabilità li talbu għajnuna finanzjarja taħt din l-iskema kif ukoll iffirmar ta' 44 ipoteka fuq proprjetà ta' sidien li talbu wkoll għajnuna taħt din l-iskema.

Ta' min jgħid li din l-iskema hija popolari ħafna wkoll ma' anzjani bi problema ta' mobilità li jaċċessaw din l-iskema għall-għajnuna finanzjarja għall-installar ta' *stair-lift* u *walk-in shower*.

Dawn ix-xogħlijiet huma verament neċessarji għal dawn l-anzjani peress li permezz tagħhom huma jkunu f'pożizzjoni li jkomplu jgħixu fir-residenza tagħhom u b'hekk ma jkunx hemm bżonn li jiġu kostretti joħorġu minn darhom. Taħt din l-iskema saru 94 spezzjoni u stima ta' xogħlijiet filwaqt li 61 każ ġew spezzjonati biex jiġi vverifikat li x-xogħol tlesta.

Il-*graph* t'hawn taħt turi l-etajiet tal-applikanti taħt din l-iskema:




L-ispiża tal-Awtorità tad-Djar għal din is-sena fuq din l-iskema kienet ta' €257,078.11.

## 3.5 Skemi Immirati għall-*First Time Buyers*

### *3.5.1 Sussidju fuq ir-Rati tal-Imgħax*

Skema oħra varata f'Settembru 2012 hija li tipprovdi sussidju ta' imgħax fuq is-self għax-xiri tal-ewwel residenza. Taħt din l-iskema ngħata sussidju sa massimu ta' 2.5% fuq is-self mill-banek għax-xiri tal-ewwel residenza fuq l-ewwel €80,000 self. Taħt din l-iskema s-self mill-Bank ma riedx jaqbeż il-€150,000 u dan jinkludi il-*finishings*. Is-sussidju setà jingħata għall-perjodu tal-ewwel 8 snin. L-ispiża tal-Awtorità tad-Djar għal din is-sena fuq din l-iskema kienet ta' €146,977.

Taħt din l-iskema l-Awtorità tad-Djar laqgħet 300 applikazzjoni kif kien immirat fil-kundizzjonijiet tal-istess skema li minnhom 166 daħlu matul din is-sena. L-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet jidher hawn taħt:




Matul din is-sena saru 171 kuntratt fejn 171 applikant bdew jibbenefikaw minn tnaqqis ta' 2.5% fuq ir-rata tal-imgħax offruta lilhom mill-banek. Dawn l-applikanti ser jibbenefikaw minn tnaqqis ta' imgħax fuq is-self ta' madwar €14,000 fuq perjodu ta' tmien snin.

***3.5.2 Sussidju biex jgħin lis-sidien fil-bini, irranġar u /jew tkomplija tal-ewwel residenza***

Skema oħra popolari ma' persuni li qed jakkwistaw l-ewwel dar tagħhom hija l-iskema li tipprovdi għotja biex tgħinhom fil-bini, irranġar u/jew tkomplija tad-dar. L-ammont massimu li persuni jistgħu jibbenefikaw minnu huwa ta' €5,824. Ta' min jgħid li din l-iskema ma tinkorporax fiha t-test tal-mezzi (*means test*) imma jiġi vverifikat li l-proprjetà li qed jakkwistaw l-applikanti hija verament l-ewwel residenza tagħhom. Taħt din l-iskema din is-sena l-Awtorità tad-Djar irċeviet 386 applikazzjoni – medja ta' 32 applikazzjoni fix-xahar. L-ipproċessar ta' dawn l-applikazzjonijiet huwa kif jidher hawn taħt:



Ta' min jgħid li minn 386 applikazzjoni, 72 kienu ġejjin minn applikanti waħedhom waqt li 314 kienu ġejjin minn koppji – għarajjes jew miżżewġin.

### 3.6 Installazzjoni ta' Lifts fi Blokki tal-Gvern

Taħt din l-iskema l-Awtorità tad-Djar tirċievi applikazzjonijiet għall-installazzjoni ta' lifts fi blokki residenzjali li huma proprjetà tal-Gvern. Sabiex jiġi installat il-lift, għallanqas wieħed mill-applikanti jew familjari tiegħu li joqgħod fil-blokk irid ikollu diżabilità relatata ma' mobilità jew problemi ta' mobilità u talanqas wieħed mill-applikanti huwa inkwilin rikonoxxut mill-Gvern. Il-blokk irid ikun ta' tliet sulari jew aktar mil-livell tat-triq sabiex il-lift jiġi installat.

Ta' min jgħid li din l-iskema tgħin sabiex anzjani inkwilini ġewwa proprjetà tal-Gvern ikunu jistgħu jibqgħu jgħixu fir-residenza mikrija lilhom permezz tal-installar ta' dan il-lift. B'hekk il-proprjetà issir aċċessibbli għall-anzjani u persuni b'diżabilità. L-iskema preżenti ġiet varata fl-2012 u s'issa l-Awtorità tad-Djar irċeviet 20 applikazzjoni taħt din l-iskema. Dawn l-applikazzjonijiet ġew sottomessi mil-lokalitajiet ta' B'Kara, il-Belt Valletta, il-Marsa, il-Mosta, Ħal Qormi, San Ġwann, Sta Luċija, Ta' Xbiex, Ħaż-Żebbuġ, iż-Żejtun u Għawdex.

Fir-rigward tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet min-naħa tas-Sezzjoni tal-Iskemi, dawn l-applikazzjonijiet ġew ipproċessati jew qegħdin fi stadju li l-Awtorità tad-Djar qiegħda tistenna xi informazzjoni mill-inkwilini. Kien hemm 2 applikazzjonijiet li nstabu invalidi għaliex il-Bord li jeżamina l-bżonnijiet tal-inkwilini fir-rigward ta' mobilità ħass li dawn l-applikazzjonijiet ma jimmeritawx din l-għajnuna. Kien hemm 4 każijiet li nstab li l-lift mhux fiżikament possibbli li jiġi installat għalhekk l-applikazzjoni ta' dawn l-4 blokki ma setgħetx titkompla u ġiet irtirata. Applikazzjoni oħra ġiet irtirata min-naħa tal-inkwilini għal xi raġuni jew oħra.

L-ispiża tal-Awtorità tad-Djar għal din is-sena fuq din l-iskema kienet ta' €10,346.80, li kienet ħlasijiet fuq permessi neċessarji għall-installar tal-*lifts*.

### 3.7 Skema tas-Sussidju tal-Kera

Skema oħra li hija popolari ħafna hija l-iskema li tipprovdi sussidju fuq il-kera mħallsa fil-privat mill-applikanti għall-postijiet mikrija bħala r-residenza ordinarja mill-privat. Sabiex jibbenefikaw għal sussidju tal-kera l-applikanti jridu jkunu l-kerrejja konoxxuti u l-post li fuqu qed jintalab is-sussidju jrid ikun fi stat tajjeb ta' tiswija u f'kundizzjoni abitabbli. Is-sussidju jiġi rrivedut kull sentejn fuq id-dħul u l-assi kapitali tal-applikanti u l-applikazzjoni tibqa' valida għall-perjodu ta' sitt snin u, wara dan, l-applikant jista' jerġa' japplika.

Bħalissa l-Awtorità tad-Djar għandha 1,145 applikanti li qegħdin jibbenefikaw mis-sussidju tal-kera. Il-kirjiet li qegħdin iħallsu dawn l-1,145 qabel ma jingħata s-sussidju jidhru fil-*graph* t'hawn taħt:




Il-*graph* t'hawn taħt turi l-istat ċivili tal-1,145 applikant li bħalissa qegħdin jibbenefikaw mis-sussidju tal-kera:




Din is-sena l-Awtorità tad-Djar irċeviet 562 applikazzjoni għas-sussidju tal-kera. Minn dawn il-562 kien hemm 69 applikazzjoni invalida u 29 oħra li għal xi raġuni jew oħra ġew irtirati mill-applikanti. Hemm 254 applikazzjoni li ġew approvati u 210 applikazzjoni oħra li qegħdin fil-proċess. Saru 405 ftehim ma' inkwilini ta' proprjetà privata li talbu sussidju fuq il-kera. Dawn jinkludu wkoll applikazzjonijiet li daħlu s-sena l-oħra. Saru wkoll 'il fuq minn 800 spezzjoni ġo fondi tal-inkwilini li applikaw taħt din l-iskema. Waqt l-ispezzjoni ssir verifika u rapport dwar il-kundizzjoni tal-abitazzjoni tal-inkwilin u għaldaqstant joħroġ riżultat jekk dan jikkwalifikax għal sussidju jew le.

L-ispiża tal-Awtorità tad-Djar għal din is-sena fuq din l-iskema kienet ta' €805,581.52.

### 3.8 Skema KIRI

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet bil-ħidma tagħha permezz ta' kiri ta' proprjetà privata bil-għan li proprjetà vojta privata tiġi utilizzata. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar għamlet 112-il kuntratt mas-sidien privati għal kirja tal-proprjetà għal perjodu ta' għaxar snin. Il-lokalitajiet ta' dawn il-112-il appartament jinsabu fit-tabella t'hawn taħt:




Il-kirja medja ta' kull appartament fix-xahar kienet tlaħħaq għal €346. Id-dettalji ta' dawn il-postijiet ġew infilsati fid-*database* eżistenti fi ħdan l-Awtorità tad-Djar sabiex jibda jsir il-ġbir tal-flus dovut għal kirjiet b'mod regolari. Taħt din l-iskema, l-Awtorità tad-Djar laqgħet 652 applikazzjoni li l-proċess tagħhom jidher hawn taħt:



Din is-sena saru 175 spezzjoni fuq proprjetajiet offruti taħt din l-iskema. Fost dawn, 45 spezzjoni saru flimkien mal-Periti appuntati mill-Bord tal-Awtorità tad-Djar biex jiġi stabbilit liema minn dawn il-proprjetajiet jilħqu l-kriterji meħtieġa skont ir-regoli ta' din l-iskema. Saru wkoll 85 spezzjoni oħra mill-uffiċjali tal-Awtorità biex jiġu kkompilati inventarji u konferma li l-proprjetà hija kompluta minn kollox. Għalhekk b'kollox matul is-sena 2013 ġew mgħoddija 126 applikazzjoni taħt din l-iskema biex isiru l-kuntratti mas-sidien.

Madwar 45 spezzjoni oħra saru wara rapporti ta' ħsarat ta' kull tip li r-residenti jiltaqgħu magħhom f'dawn il-postijiet. Wara dawn l-ispezzjonijiet isir rapport biex jiġi stabbilit ix-xogħol li jrid isir mis-sid sabiex l-ilmenti jkunu indirizzati, kif ukoll jerga' jiġi kkonfermat li dawn ix-xogħlijiet saru kif meħtieġ.

# 4. Eżami tal-Mezzi

Dan l-aħħar ftit xhur rajna innovazzjoni fi ħdan l-Awtorità b'inizjativa tal-Ministru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali fir-rigward ta' eżami tal-mezzi tal-applikanti kollha. Wara konsultazzjoni mal-Ministru u b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, ġie deċiż li l-applikanti li qegħdin fuq pensjoni jew assistenza soċjali mhux kontributorja, m'għandhomx jgħaddu mill-proċess tal-eżami tal-mezzi għaliex eżami simili jkun diġa' sarilhom mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Dan ifisser li l-applikazzjonijiet ta' dawn l-individwi jiġu pproċessati fl-anqas żmien possibbli għaliex m'għandhomx għalfejn jistennew il-proċess ta' dan l-eżami. B'hekk l-assistenza mitluba minn dawn l-individwi tingħata lilhom f'qasir żmien.

# 5. Bejgħ ta' Proprjetà tal-Awtorità tad-Djar

L-Awtorità din is-sena kompliet bl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet li rċeviet taħt Avviż 76 li kien ippubblikat f'Mejju tas-sena 2012. Wara li saret l-ewwel fażi tal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet, saru l-allokazzjonijiet tal-appartamenti lill-applikanti skont l-ordni tal-mertu. Xi proprjetà kienet ġiet irrifjutata u għalhekk fi Frar ta' din is-sena l-Awtorità tad-Djar għamlet allokazzjoni oħra fejn dawk l-appartamenti rrifjutati u dawk l-applikanti li talbu li jibdlu l-post setgħu jiġu pproċessati. F'dan il-proċess saru 13-il allokazzjoni u matul din is-sena ġew irriferuti 66 każ għall-iffirmar tal-konvenju wara li x-xerrejja prospettivi sarilhom l-eżami tal-mezzi biex b'hekk ikkwalifikaw għall-bejgħ tal-fond bi prezz issussidjat.

L-Applikanti ngħataw l-għażla ta' żewġ modi ta' xiri kif setgħu jħallsu l-appartamenti allokati lilhom kif jidher hawn taħt:

- Għażla 1: 10% tal-prezz issussidjat fuq Konvenju waqt li l-bqija (90%) fuq il-kuntratt finali.
- Għażla 2: 15% tal-prezz sussidju fuq Konvenju Reġistrat waqt li l-bqija (85%) f'pagamenti fix-xahar għall-perjodu ta' mhux aktar minn 20 sena mingħajr interessi.

Xogħol relatat ma' dan il-bejgħ huwa l-pjanti għall-kuntratti finali li jagħmlu l-applikanti mal-Awtorità tad-Djar. B'kollox saru 114-il pjanta.

Wara li jsir il-kuntratt finali, l-Awtorità tad-Djar twettaq spezzjoni fuq il-post sabiex isir rapport kif ukoll jingħataw iċ-ċwievet lill-applikanti. B'kollox din is-sena ġew mgħoddija lis-sidien ġodda ċ-ċwievet ta' 88 proprjetà taħt dan l-avviż.

Matul is-sena nqalgħu diversi ilmenti mis-sidien u f'dan ir-rigward saru aktar minn 29 spezzjoni u rapport biex jiġu indirizzati dawn l-ilmenti bl-aħjar mod possibbli.

Matul din is-sena saru 4 kuntratti taħt Għażla Numru 1 b'introjtu ta' €306,600 waqt li saru 82 Konvenju Reġistrat b'introjtu ta' €966,700. Dawn tal-aħħar ħallsu wkoll pagamenti mensili li kienu jammontaw għal €188,000. Ta' min jgħid li kieku t-82 applikanti għażlu li jixtru l-fond allokat lilhom taħt Għażla 1, l-Awtorità tad-Djar kien ikollha introjtu ta' € 5,290,000.

# 6. Bejgħ ta' Garaxxijiet bl-Offerta

L-Awtorità tad-Djar għandha numru ta' garaxxijiet li jinsabu taħt il-binjiet tagħha li perjodikament jinħarġu għall-bejgħ bl-offerta. Dawn il-garaxxijiet jinsabu f'diversi lokalitajiet ta' Malta. Din is-sena nbigħu 25 garaxx fil-lokalitajiet ta' Birkirkara, Birżebbuġa, Burmarrad, il-Floriana, Ħal Kirkop, l-Imġarr, l-Imqabba, l-Imtarfa, in-Naxxar, Pembroke, Ħaż-Żebbug bl-introjtu ta' € 392,635.

# 7. Kuntratti Varji

Saru diversi kuntratti varji din is-sena mill-Awtorità tad-Djar permezz tan-nutara fi ħdan l-Awtorità kif ukoll nutara privata. Kien hemm numru sostanzjali li jlaħħaq għal 226 ta' fidi ta' ċnus ta' bċejjeċ ta' artijiet. B'hekk dawn il-bċejjeċ ta' artijiet jiġu meħlusa minn kull ċens impost fuqhom. Ġew ippubblikati wkoll 163 kuntratt finali fuq numru ta' bċejjeċ ta' artijiet (137), garaxxijiet (4) jew appartamenti (22) fejn l-art ġiet ittrasferita lill-Gvern u wara lill-Awtorità tad-Djar biex b'hekk is-sidien li jgħixu fihom setgħu, wara numru ta' snin, isiru sidien ukoll tal-art li fuqha hemm mibnija l-proprjetà tagħhom. L-Awtorità tad-Djar kienet preżenti wkoll għal 84 kanċellament ta' ipoteki u rifużjoni ta' sussidju.

# 8. Tiswijiet fi Proprjetà tal-Gvern

L-Awtorità tad-Djar hija wkoll responsabbli għal tiswijiet straordinarji fi proprejta' tal-Gvern kif ukoll xogħlijiet ta' tiswija fil-partijiet komuni tal-istess blokok. Xogħlijiet ta' struttura jinkludu wkoll xogħol relatat ma' soqfa, bjut u galleriji tal-injam waqt li xogħlijiet relatati mal-komuni jinkludu fost oħrajn xogħol ta' dawl, drenaġġ, tneħħija ta' *termites*, aperturi, madum, faċċati, strutturi tal-ħadid, tikħil eċċ.



*Tromba ta' bejt qabel u wara t-tiswijiiet meħtieġa*

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar tat spinta sabiex tispezzjona l-fondi bi struttura perikoluża. Fl-aħħar ta' din is-sena l-Awtorità kellha numru ta'talbiet li ġew ipproċessati kif jidher hawn taħt:




Sar xogħol sostanzjali fuq l-ipproċessar ta' talbiet kif jidher mit-tabella t'hawn taħt:



Waqt li l-ammont fi *quotations* jidher fit-tabella ta' wara:




# 9. Amministrar tal-Proprjetà tal-Gvern

L-Awtorità tad-Djar kompliet bl-amministrar ta' proprjetà tal-Gvern. Hija priorità tal-Gvern li l-proprjetà kollha mikrija għal skop soċjali, li tammonta għal madwar 9,000 residenza, tiġi mgħoddija lill-Awtorità tad-Djar fis-snin li ġejjin. Fil-fatt, madwar 1,500 fond (159 blokka) diġa' ġew mgħoddija lill-Awtorità tad-Djar permezz ta' Avviż Legali 235/2012 u iktar proprjetà se tiġi ttrasferita fil-bidu tas-sena d-dieħla.

Bħalissa l-Awtorità tad-Djar qed twettaq it-tieni proċess ta' trasferiment ta' proprjetà li jikkonsisti f'134 blokka fejn il-pjanti tal-blokok kollha ġew ippreparati u mgħoddija lid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Proprjetà sabiex dawn jiġu ttrasferiti lill-Awtorità tad-Djar. Din is-sena inbeda wkoll it-tielet proċess li jikkonsisti fit-trasferiment ta' 138 blokka oħra li wħud mill-inkwilini li jgħixu fihom applikaw sabiex jixtru r-residenza tagħhom taħt l-iskema Sid Ta' Darek. S'issa tħejjew il-pjanti ta' 76 blokka (55%) u qed tingħata għajnuna lid-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Proprjetà sabiex ikun jista' jħejji l-pjanti uffiċjali tat-trasferiment.

Sar ukoll xogħol fuq it-trasferiment ta' 139 plot li kienu ġew allokati fis-snin tmenin taħt l-Iskema tal-*Home Ownership* biex b'hekk il-benefiċjari jkunu jistgħu jiffirmaw il-kuntratt finali ta' enfitewsi. Il-kuntratti ta' dawn il-plots ma setgħux jiġu ffirmati sakemm il-Gvern akkwista l-art.

*Reġistrar ta' Art* - Ġew ippreparati pjanti sabiex il-bċejjeċ ta' art mgħoddija lill-Awtorità tad-Djar ikunu jistgħu jiġu rreġistrati mar-Reġistru tal-Artijiet. Dan il-proċess huwa metikoluż peress li l-pjanta trid tiġi mqabbla ma' reġistrazzjonijiet eżistenti f'isem terzi persuni fuq artijiet li jinsabu biswit tagħha, mal-pjanta li permezz tagħha sar it-trasferiment f'isem l-Awtorità tad-Djar kif ukoll mal-bini eżistenti fuq is-sit. Inbeda l-proċess tar-reġistrazzjoni tal-159 blokka li għaddew mingħand il-Gvern lill-Awtorità tad-Djar permezz ta' Avviż Legali 235/2012 u ta' 15-il blokka oħra li kienu amministrati mill-Gvern taħt pussess u użu. S'issa tlestew il-pjanti ta' 4 blokok u qed jitħejjew il-pjanti ta' 30 blokka oħra. Saru wkoll 19-il pjanta għar-reġistrazzjoni ta' bċejjeċ ta' art u proprjetà oħra.

L-Awtorità tad-Djar iffirmat ftehim mal-Loqus sabiex tkun tista' tibda tuża l-*Land Estate Management Information System* (LEMIS), programm tal-kompjuter li jgħin fl-operat tat-tmexxija tal-Proprjetà. Dan il-programm diġà qed jintuża mid-Dipartiment Proprjetà tal-Gvern u qed isiru arranġamenti biex jiġu amalgamati d-*databases* tal-Awtorità tad-Djar u tad- Dipartiment Proprjetà tal-Gvern. Se jibda t-taħriġ tal-ħaddiema ta' din is-sezzjoni fuq l-ewwel *module – Rent Generation Module*.

Qed isir ukoll eżerċizzju sabiex il-pjanti tal-blokok tal-Gvern jiġu *digitized* permezz ta' *scanning*.
